MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Rikors Numru. 9/1965/1

Rikors Nru: 9/65 DM

Dottor Edgar Mizzi BA LLD bhala Kummissarju tal-Artijiet u b'nota tal-15 ta' Dicembru 1965 l-Avukat Dr Vincent Depasquale bhala Agent Kummissjonarju tal-art assuma l-atti tar-rikors

Vs

Paolo u Carmela mizzewgin Vella, il-mara assistita minn zewgha bhala direttarji ta' l-art taht imsemmija Francis Bezzina Wettinger u John Parnis England f'ismu prorju u in rapprezentanza tad-ditta "W.J. Parnis England Limited" bhala utilisti ta' l- istess art taht imsemmija u b'digriet tad-9 t'Ottubru 1995 Emanuele, Nazzareno u Suor Mercede fis-seklu Maria, ahwa Vella, assumew l-atti tal-kawza flok il-mejtin genituri taghhom Paolo u Carmela mizzewgin Vella

Il-Bord,

Ra ir-rikors fejn ir-rikorrenti Dottor Edgar Mizzi B A LLD bhala Kummissarju tal-I-Artijiet wara li ppremetta:

Illi l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Novembru 1964, l-intimati gew notifikati b’kopja ta’ dikjarrazzjoni tal-Gvernatur fejn gie dikjarat, fost affarijiet ohra, li l-bicca art raba’ fil-limiti ta’ Birkirkara, tal-kejl ta’ zewg tmien, erbgha sieghan u hamsa puint decimali seba’ kejliet (2T –4S –5.7K) tmiss mill-Lvant ma proprjeta ta’Grazzia Briffa, mill-Punent ma proprieta ta’ Karmnu Zammit u ohrajn u min- nofs in-nhar ma sqaq privat, u indikata bhala plot no. 36 fl-istess dikjarazzjoni, hija mehtiega ghal skop pubbliku u illi l-akkwist taghha ghandu jkun b’xiri assolut.

Illi l-intimati kollha gew wkoll notifikati b’avviz ghal ftehim fejn gew infurmati illi l-kumpens illi l-awtorita hija lesta biex thallas lilhom jew lil minn minnhom skond id-drittijiet respettivi taghhom, ghax-xiri assolut bhala franka u libera, tal-bicca art raba fuq deskritta huwa ta’ mitejn u ghoxrin lira, disgha xelini u erbgha soldi (L220 –9 –4) kif jidher mir-rapport tal-perit Edgar Caruana Montaldo A&CE tal-14 ta’ Lulju 1961, li estratt tieghu huwa esibit mall-istess avviz ghall ftehim.

Illi l-intimati Paolo u Carmela Vella bhala direttarji b’risposta prezentata fil-25 ta’Novembru 1964 ma accettawx il-kumpens offert u fost li qalu affarijiet ohra talbu il-kumpens ta’ elf u erbgha mitt lira (L1,400) ghad-dirett dominju biss.

Illi l-intimati l-ohra Francis Bezzina Wettinger u John Parnis England proprio et nomine, bhala utilisti b’risposta prezentata fil-25 ta’Novembru 1964, ukoll ma accettawx il-kumpens offert u fos affarijiet ohra li qalu talbu li l-kumpens ghandu jigi ffissat ghall-prezz kapitalizzabli fuq cens ta’ tnax- il xelin il-qasba kwadra annwu, salv li mill-prezz jitnaqqas il-valur tad-dirett dominju u tal-pis piu dovuti fuq l-istess art.

U Talab:

Illi dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati illi jittrasferixxu a favur tal-esponent nomine b'titolu ta' xiri assolut il-bicca art raba' fil-limiti ta' Birkirkara tal-kejl ta' zewg tmien, erbgha sieghan u hamsa puint seba kejliet (2T –4S –5.7K) kif ahjar fuq deskritta, jiffissa l-kumpens relattiv u jaghti l-provvedimenti kollha mehtiegia skond id-dispost ta' l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-skopijiet pubblici (Kapitolu 136).

Ra risposta ta' John Parnis England f'isem u ghad-ditta "W.J. Parnis England Limited u Francis Bezzina Wettinger bhala utilisti tal-art imsemmija fir-rikors, fejn irrispondew:

1 Illi digia' gew espproprijati ta' bicca ohra mill-artijiet vicinissimi ghal dik indikata fir-rikors, u il-Gvern hallashom kumpens bazat fuq kapitalizzazjoni ta' tnax il-xelin (L0.12.0) fis-sena kull qasba kwadru;
2 Li l-esponenti hadu din l-art cens perpetwu minghand il-konjugi Vella fl-atti Giorgio Borg Olivier tat-12 ta' Awissu 1960u dan bic-cens ta' tnejn u erbghin lira (L42) fis-sena;
3 Li ghalhekk il-kumpens offert mhux adekwat u l-esponenti jidrilhom li l-prezz ghandhu jkun tal-kapitalizzazjoni ta' tnax il-xelin il-qasba kwadru fis-sena li ghandu imur kwantu ghal elf u erba mitt lira (L1,400) favur id-direttari konjugi Vella u l-bqija favur l-esponenti bhala utilisti

Ra r-risposta ta' Paolo u Carmela mizzewgin Vella fejn irrispondew illi:

1 Li huma gia ppresentaw fil-25 ta' Novembru 1964 risposta, fejn qalu li iridu kumpens ta' elf u erba' mitt lira (L1,400) ghad-dirett dominju li huma ghandhom fuq l-art imsemmija fir-rikors fuq imsemmi;
2 Illi jekk il-Gvern jrid jespropria ghandu jixtri minghand l-esponenti d-dirett dominju ta' tnejn u erbghin lira (L42) fis-sena li huma ghandhom fuq din l-art, liema dirett dominju gie stipulat regolarment b'att pubbliku ferm qabel l-Order to Treat u meta l-art kienet ghada esenti minn kull restrizjoni governativa;

3 Ghalhekk jopponu t-talba u jinsistu li d-dritt dominju taghhom jigi mixtri bil-prezz fuq imsemmi ta' elf u erba mitt lira oltre l-imghax u l-ispejjez.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati konjugi Vella.

Ra d-digriet tad-9 ta' Mejju 1996 fejn ikkonferma n-nomini ta' periti Frederick Valentino u Joseph Mizzi bhala Membri teknici a tenur tal-Artikolu 25 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l'id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur u l-Avviz ghall-Ftehim gew regolarment notifikati:

Semgha x-xhiedha li gew prodotti;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti kollha tal-procediment; u

Ikkunsidra:-

Skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri, hawn annessa bhala parti integrali ta' din id-decizjoni, wara li gew mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jinfluwixxu fuq ix-xiri assolut kif regolat mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici, jistma' l-bicca art fil-limiti ta' Birkirkara tal-kejl ta' zewg it-tmiem, erbgha sieghan u hamsa puint sebgha kejliet (2T –4S –5.7K), tmiss mill-Vant ma proprjeta' ta' Grazia Briffa, mill-Punent ma proprjeta' ta' Karmnu Zammit u ohrajn u min-nofs inhar ma sqaq privat u indikata bhala plot Nru 36 fid-dikjarazzjoni u kif ahjar deskritta fl-istess rapport tal-membri teknici, bhala libera u franka, fis-somma ta' elfejn u wiehed u sebghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm2071.25) ghall-intier u li ghandhu dan il-valur jigi maqsum kif gej:
(a) in kwantu ghad-dirett dominju perpetwu ta' Lm42 fis-sena spettanti lill-werrieta ta' Paolo u Carmela konjugi Vella is-somma ta' tmin mija u erbghin lira (LM840);

(b) u in kwantu ghall-utile dominju perpetwu dovut lill-intimati l-ohra is-somma ta’ elf mitejn wiehed u tletin lira u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm1,231.25).

Ghaldaqstant, jilqa’ t-talbiet dedotti fir-rikors, u jordna favur ir-rikorrenti it-trasferiment b’titolu ta’ xiri assolut bil-valuri hawn fuq iffissati, tal-imsemmija bicca art fil-limit ta’ Birkirkara tal-kejl ta’ zewg it-tmiem, erbgha sieghan u hamsa puint sebgha kejliet (2T –4S –5.7K), tmiss mill-Vant ma proprjeta’ ta’ Grazia Briffa, mill-Punent ma proprjeta’ ta’ Karmnu Zammit u ohrajn u min-nofs inhar ma sqaq privat u indikata bhala plot Nru. 36 fid-dikjarazzjoni (Govt. Notice 435/36 tas-16 ta’ Awissu 1960 – fol 14) u ppjantata mill-AIC Edgar Caruana Montaldo fuq pjanta Drwg. AE 29/61 f’Lands File 1713/60 u li giet ddikjarata bhala Special Development Area Act tal-1956;

Jinnomina lin-Nutar Dr Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jghamel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fis-6 ta’ Mejju 2003 fit-3.00 p.m. fl-ufficju tar-rikorrent u jinnomina lill-Avukat Dr. Edward Saliba sabiex jidher ghall-kontumaci fuq l-att.

L-ispejjes ta’ din il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------